MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2003

Appell Kriminali Numru. 59/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Bonello)
Vs

Joseph Thorne

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18.11.2002 ghall-habta tad-9.00 p.m. fi Triq Santa Venera, St. Venera :
1) volontarjament kiser il-bon ordni w l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2) qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
3) hebb minghajr ma darab lil martu Antoinette Thorne;
4) u aktar talli hebb ghal Lucia Micallef u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr. R. Sammut MD.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-2 t’April, 2003, li biha, wara li rat l-artikoli 339 (1)(d) u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, illiberatu mill-ewwel u t-tieni akkuza w sabet htija ghat-tielet u r-raba’ akkuza taht il-provvediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin u bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta rabtet lill-imputat b’obbligazzjoni personali li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Antoinette Thorne u Lucia Micallef ghal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 t’April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza billi filwaqt li tikkonferma l-liberazzjoni tieghu mill-ewwel u t-tieni akkuza migjuba kontra tieghu, tirrevoka w thassar dik il-parti tas-sentenza li fiha huwa nstab hati tat-tielet u r-raba akkuza fis-sens illi tilliberah ukoll mit-tielet u r-raba akkuza kif migjuba kontra tieghu.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ illi fil-waqt li l-Ewwel Qorti gustament ma sabitx lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni dwar storbju w tat-tieni imputazzjoni li qal kliem oxxen li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku , sabitu hati tat-tielet imputazzjoni li hebb ghall-martu Antoinette Thorne u tar-raba’ imputazzjoni li hebb ghall-Lucia Micallef u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa. Illi meta sabet htija fuq dawn l-ahhar zewg imputazzjonijiet, l-Ewwel Qorti naqset li taghmel evalwazzjoni korretta w oggettiva tal-fatti li meta Antoinette Thorne , Lucia Micallef u z-zewg uliedha l-ohra marru fid-dar tal-genituri tal-appellant Thorne , dawn marru b’certa rabbja w bl-intenzjoni cara li riedu jiehdu s-sodisfazzjon minnghand l-appellant u l-genituri tieghu w meta iddahhlu gewwa minn omm l-appellant , bdew jghajjtu . Igifieri li jekk kien hemm xi komportament da parti tal-appellant li ma rrizultax mix-xiehda tieghu , dan kien semplicement sabiex jiddefendi lill-genituri tieghu w lill-proprjeta’ taghhom . Illi l-Ewwel Qorti lanqas jidher li tat wisq importanza lin-nuqqas ta’ kediilita’ w komportament tax-xiehda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni meta mhux biss kien hemm konflitt ta’ fejn allegatament gew sofferti l-

griehi fuq Lucia Micallef u Antoinette Thorne izda ukoll dwar jekk uhud minnhom kienux ghajjtu gewwa d-dar tal-genituri tal-appellant ;

Semghet ix-xhieda kollha mill-gdid fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2003 ;

Rat il-verbal tal-istess data li bih id-difiza tal-appellant iddikjarat li ma kienetx qed tikkontesta li l-feriti riportati minn Lucia Micallef kienu ta' natura hafifa kif jidher mic-certifikat mediku a fol.8 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza w tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-Nota tal-appellant bid-dikjarazzjoni ta' Antoinette Thorne li per mezz taghha rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali in kwantu din tirrigwarda lilha ;

Semghet lill-istess Antoinette Thorne bil-gurament fl-udjenza tal-lum fejn irtirat l-azzjoni kriminali ;

Ikkonsidrat ;

Illi dan l-incident jidher li gara wara li l-appellant kien baghat xi messaggi SMS fuq il-mobile phone lil martu Antoinette Thorne li hi u hutha rritenew li kienu offensivi . Ghalhekk mart l-appellant , ommha Lucia Micallef u z-zewg hutha Isabelle Micallef u Lucienne Borg marru d-dar tal-genituri tal-appellant fejn kien ukoll jirrisjedi hu peress li hu separat minn ma martu , ovvjament bl-intenzjoni li jiehdu sodisfazzjon .Hemmhekk wara li fethitilhom omm l-appellant , dahlu gewwa w sar xi ghajjat . Izda fil-waqt li l-erba xiehda tal-Prosekuzzjoni jsostnu li l-appellant, li kien fuq, nizel jigri kkargat u hebb ghall-martu w xejjer daqqa ta' ponn f' wicc ommha Lucia Micallef , tant li kkagunalha "black eye" kif del resto gie certifikat mit-tabib tal-Health Centre li qal li rriskontra nefha fuq mohh Lucia Micallef , ferita ta' natura hafifa, l-appellant jichad dan u jghid li hu qatt ma nizel aktar mit-tielet targa minn isfel . L-appellant hu korroborat minn missieru Carmel Thorne li xehed li l-appellant qatt ma messhom . Pero',l-appellant mistoqsi mill-Prosekuzzjoni w mill-Qorti kif jispjega l-ferita fuq wicc

Lucia Micallef qal li ma setax jispjega ghax quddiemu ma gara xejn.

Illi din il-Qorti thoss li fuq il-bazi tal-provi mismugha - li prezumibilment kienu l-istess quddiem l-Ewwel Qorti - dik il-Qorti setghet legalment u logikament tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija wkoll dwar it-tielet u r-raba imputazzjoni. Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali  w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. Apparti li hemm erba xiehda li jghidu li l-appellant hebb ghall-martu w ta' daqqa ta' ponn lill-ommha Lucia Micallef, hemm il-prova indiretta w indizjarja tal-ferita fuq mohh Lucia Micallef  kif certifikata mit-tabib li l-appellant ma setax jaghti spjegazzjoni ghaliha. Dan l-element ta' "circumstantial evidence" serjament jimmina l-kredibilita' tal-appellant u jwassal biex il-mizien tal-kredibilita' jxaqleb b'mod li jwassal sal-grad tal-konvinciment morali kontra l-versjoni tal-appellant .

Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha raguni serja bizzejjed biex tvarja l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata w fejn emmnet il-versjoni ta' mart l-appellant , ommha w hutha w skartat ic-cahda kategorika tal-appellant u ta' missieru .

Inoltre l-aggravju tal-appellant li dak li seta' ghamel l-appellant – anki jekk mhux ammess minnu – sar semplicement sabiex jiddefendi lill-genituri tieghu w lill-proprjeta' taghhom ma jidhirx sorrett mill-icken prova. Minn imkien  ma rrizulta lil din il-Qorti – kif prezumibbilment lanqas irrizulta lill-Ewwel Qorti – li kien hemm xi minaccja diretta kontra l-inkolumita' personali tal-genituri tal-appellant jew lejn il-proprjeta' taghhom . Jekk anki kien hemm xi ghajjat da parti ta' martu , ommha w hutha , fid-dar tal-genituri tal-appellant , dan kien dirett lejh u zgur ma kienx johloq xi necessita' impellenti li jirrejagixxi ghalih bil-forza fizika kif jirrizulta li ghamel . Ghalhekk anki dan l-aggravju jidher infondat u qed jigi respint.

Din il-Qorti pero' trid tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li Antoinette Thorne rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ta' hebb kontra taghha, fil-mori tal-appell u dan necessarjament irid jirrifletti ruhu fuq il-piena ;

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti , qed tilqa l-appell limitatament fis-sens li gej u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w minnflok tiddikjara l-procediment ezawrit stante rinunzja fil-mori tal-appell ghal dak li jirrigwarda din l-imputazzjoni ta' hebb kontra Antoinette Thorne w in kwantu – wara li sabet lill-appellant hati tar-raba' akkuza – lliberatu taht il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin u bl-applikazzjoni tal-artikolu 338 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni personali li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Antoinette Thorne u Lucia Micallef ghal sena u, minnflok, tilliberah taht l-istess provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u sitt xhur mil-lum u bl-applikazzjoni tal-artikolu 338 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-appellant b'obbligazzjoni personali li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Lucia Micallef ghal sena w tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-appellant mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni w in kwantu sabitu hati tar-raba imputazzjoni .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------